MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 505/2013

**C.A. Refuse Collection Limited**

**Vs**

**Bank of Valletta p.l.c. u b'digriet datat 16 ta' Dicembru, 2013 gie kjamat fil-kawza l-Kunsill Lokali Pieta**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti minnha mressqa fil-11 ta' Settembru, 2013** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' tmien mija disgha u sittin euro u sitta u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€869.26c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-esponenti dahal fi ftehim mas-socjeta intimata sabiex tiġbor l-iskart li l-Bank jhalli barra l-bank tal-Branch;

Illi s-socjeta intimata ghamlet diversi snin thallas ghal dan is-servizz u issa qeghda tirrifjuta thallas l-bilanc dovut;

Illi baqa bilanċ ta’ tmien mija disgha u sittin euro u sitta u ghoxrin ċenteżmu (€869.26) tal-gbir tal-iskart liema servizz inghata.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob li s-socjeta intimata tiġi kkundannata thallas is-somma ta’ €869.36 bl-ispejjes kontra s-socjeta intimata u l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-Bank intimat** minnu mressqa fit-18 ta’ Ottubru, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

“1. Illi, preliminarjament l-esponenti mhiex il-legittima kontradittrici f’din il-kawza, stante illi hija ma ordnatx is-servizz li tiehu qed jintalab hlas.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda preġudizzju, l-ebda somma ma hija dovuta mis-socjeta konvenuta Bank of Valletta p.l.c. stante illi hija ma talbietx is-servizz li tieghu qed jintalab il-hlas.

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda preġudizzju, l-atturi iridu jippruvaw illi taw is-servizz li tieghu qed jitlob hlas, stante li l-konvenuta ma taqbilx illi inghata dan is-servizz.

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda preġudizzju, it-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tiġi respinta stante illi l-ammont reklamat mhux dovut”.

Ra li l-kunsill kjamat fil-kawza, ghalkemm gie debitament notifikat fil-21 ta’ Dicembru, 2013 (tergo fol. 14), huwa baqa qatt ma ppreżenta r-risposta relattiva skond il-ligi, jew inkellha attenda ghal xi seduta quddiem it-Tribunal;

Ra l-ahhar verbal fejn it-Talba thalliet ghal lum ghas-sentenza.

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand il-bank intimat il-hlas tas-somma ta’ tmien mija disgha u sittin euro u sitta u ghoxrin ċenteżmu (€869.26) ghal servizz ta’ ġbir ta’ skart.

2. Il-bank intimat da parti tieghu laqa’ ghal dan billi qal li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur stante illi hu ma ordnax is-servizz li tieghu qed jintalab il-hlas. Kompliet tghid li l-ebda somma ma hija dovuta mill-bank intimat stante li huwa ma talabx is-servizz li tieghu qed jintalab il-hlas. F’kull kaz is-socjeta rikorrenti trid tipprova li hija tat is-servizz li tieghu qeghda titlob il-hlas stante li hi ma hiex taqbel li kien qieghed jinghatalha servizz. Finalment tghid li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tiġi respinta stante li l-ammont reklamat ma hux dovut.

3. Il-kunsill kjamat in kawża baqa ma ppreżentax ir-risposta tieghu. Minkejja dan, r-rikorrenti xorta wahda ikun jehtieglu li jipprova l-kaz tieghu kontra l-Kunsill l-ghaliex is-silenzju fil-proceduri ġudizzjarji gie ekwiparat mal-kontestazzjoni.

Ikkunsidra;

4. **Carmel Agius**, rappreżentant tas-socjeta rikorrenti xehed u qal li xogholu huwa li jiġbor l-iskart. Stqarr li kien ilu 13-il sena jahdem mal-kjamat fil-kawza l-Kunsill Lokali tal-Pieta l-ghaliex kien rebah tender sabiex jiġbor l-iskart minn dik il-lokalita. Il-fergha tal-bank minfejn huwa kien jiġbor l-iskart huwa dak li hemm faċċata tax-Xatt ta' l-Imsida. Dan il-bank jaqa però fid-distrett tal-Pieta. Ir-rapprezentant qal li *"... hemmhekk ukoll kien hemm skip. Jiena kont immur niġbor l-iskart mill-iskip ukoll"* (fol. 16). Kompla jghid li din l-iskip kienet ghamlet gimgha ma tidhirx fil-post fejn kienet tkun solitament u ghalhekk huwa ma kienx qieghed jiġbor l-iskart u jhallieh hemmhekk. Qal ukoll li *"... l-bank per se ma kienx inkluż fl-ispejjez tieghi cioe fit-tender li irbaht mill-Kunsill Lokali tal-Pieta. Il-Bank ma kienx parti mit-tender li jiena applikajt ghalih l-ghaliex kien moqdi minn kuntrattur iehor"* (fol. 16). Dan id-diskors kien qalu lix-xhud is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Pieta. Qal li kien sar ftehim mal-*bank manager* preċedenti sabiex huwa jibda jiġbor l-iskart kontra hlas ta' tant fix-xahar. Wara xi tmien (8) snin b'dan il-ftehim ghaddej, kien tbiddel il-*bank manager* u ġibidlu l-attenzjoni ghal ftehim li kien hemm. Meta gie mistoqsi mit-Tribunal minn kien jaghmillu l-hlasijiet ghal ġbir ta' dan l-iskart, huwa stqarr li kien il-bank. Wara li kien tbiddel il-*bank manager* huwa baqa *"... ghaddej bix-xoghol regolari"* (fol. 17). Wara li l-bank irrifjuta li jhallsu huwa kellhu jibda dawn il-proceduri.

Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti ppreżenta ukoll diversi fatturi. Dawn ikopru s-segwenti perjodi:

i) Fattura datata 30 ta' Settembru, 2008 li tkopri l-perjodu Lulju sa Settembru 2008 fl-ammont ta' €153.40c. Skond notamenti fuq din il-fattura, dan il-kont thallas fit-2 ta' Ottubru, 2008 (fol. 21);

ii) Fattura datata 31 ta' Marzu, 2009 li tkopri l-perjodu Jannar sa Marzu 2009 fl-ammont ta' €153.40c. Skond notamenti fuq din il-fattura, dan il-kont thallas fl-1 ta' April (fol. 22);

iii) Fattura datata 31 ta’ Settembru, 2009 li tkopri l-perjodu Lulju sa Settembru 2009 fl-ammont ta’ €153.40c. Skond notamenti fuq din il-fattura, dan il-kont thallas fid-9 ta’ Ottubru, 2009 (fol. 23);

iv) Fattura datata 31 ta’ Dicembru, 2009 li tkopri l-perjodu Ottubru sa Dicembru 2009 fl-ammont ta’ €153.40c. Skond notamenti fuq din il-fattura, dan il-kont thallas fil-15 ta’ Jannar, 2010 (fol. 24);

v) Fattura bla data li tkopri l-perjodu Jannar sa Marzu 2010 fl-ammont ta’ €153.40c. Skond notamenti fuq din il-fattura, dan il-kont thallas fil-15 ta’ April, 2010 (fol. 25);

vi) Fattura bla data li tkopri l-perjodu April sa Gunju 2010 fl-ammont ta’ €153.40c. Skond notamenti fuq din il-fattura, dan il-kont thallas fis-7 ta’ Lulju 2010 (fol. 26);

vii) Fattura bla data li tkopri l-perjodu Lulju sa Settembru 2010 fl-ammont ta’ €153.40c. Skond notamenti fuq din il-fattura, dan il-kont thallas fl-1 ta’ Ottubru 2010 (fol. 27);

viii) Fattura bla data li tkopri l-perjodu Ottubru sa Dicembru 2010 fl-ammont ta’ €153.40c. Skond notamenti fuq din il-fattura, dan il-kont thallas fit-2 ta’ Frar 2011 (fol. 28);

ix) Fattura bla data li tkopri l-perjodu Ottubru sa Dicembru 2011 fl-ammont ta’ €153.40c (fol. 29);

x) Fattura bla data li tkopri l-perjodu Jannar sa Marzu 2012 fl-ammont ta’ €153.40c (fol. 30);

xi) Fattura datata 30 ta’ Gunju 2012 li tkopri l-perjodu April sa Gunju 2012 fl-ammont ta’ €153.40c (fol. 20);

xii) Fattura bla data li tkopri l-perjodu Lulju sa Settembru 2012 fl-ammont ta' €153.40c (fol. 31 u fol.32);

xiii) Fattura bla data li tkopri l-perjodu Settembru sa Dicembru 2012 fl-ammont ta' €153.40c (fol. 33);

In kontro-ezami, huwa innegga li f'Ottubru, 2011 kien kellmu rappreżentant tal-bank intimat fejn kien infurmah li l-bank ma kienx ser ihallas ghas-servizzi li kien qieghed jipprovdi. Huwa qal li jaf li kien tbiddel il-*bank manager* u li meta l-bank intimat waqaf ihallsu tax-xoghol li kien qieghed jaghmel huwa kien kellem lis-Segretarju Ezekuttiv fejn dan imbaghad kiteb ittra lill-bank intimat datata 28 ta' Mejju, 2013 (fol. 13).

5. **Noel Vassallo** xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' branch manager tal-fergha tal-bank ta' l-Imsida u ilu f'din il-kariga sa minn Ottubru, 2011. Qal li din il-fergha tal-bank ikollha biss *domestic waste.* Dan l-iskart, kompla jghid ix-xhud *"... jinġabar go borża sewda u ahna nohorguh wara l-bieb ta' barra sabiex ikun jista jinġabar b'mod normali mill-kollettur koncernat*" (fol. 39). Madwar gimgha wara li kien beda jokkupa din il-kariga, huwa kien irċieva fattura minghand is-socjeta rikorrenti li kienet tirreferi ghal fatt illi kien qieghed jinġabar l-*bulk refuse* minghandhom. Huwa ivverifika mal-Kunsill Lokali jekk huma bhala bank kienux obbligati li jhallsu ghal ġbir ta' dan l-iskart. Kompla jghid li huwa gie nfurmat li *"... jekk huwa kaz ta' skart domestiku allura ma hemm l-ebda hlasijiet il-ghaliex jinġabar mar-ronda normali*" (fol. 39-40). Stqarr li r-rapprezentant tal-Kunsill Lokali kien staqsieh jekk huma bhala bank ikollhomx bulk refuse ta' karti u huwa kien wieġbu li l-bank ma kellhux din il-kwistjoni l-ghaliex kien jiehu hsiebha internament. Wara dan, huwa kien ghadda din il-fattura lil Kap tal-Procurement tal-bank intimat sabiex jiehu hsiebha huwa. Kien kellmu ukoll fuq din il-fattura l-Kap tal-Faciltajiet tal-bank Mario Zarb. Qal li daqshekk jaf dwar dan il-kaz.

6. **Randolph Agius**, xehed u qal li hu ilu jokkupa l-kariga ta' Head Procurement Department tal-bank intimat ghal dawn l-ahhar 3 snin. Stqarr li dan id-

Dipartiment fi hdan il-bank jiehu hsieb ix-xiri tal-bzonnijiet kollha tal-bank kemm ghal dak li ghandu x'jaqsam ma oggetti (goods) kif ukoll ma servizzi (services). Stqarr li kien kellmu l-*branch manager* Noel Vassallo dwar xi fatturi li huwa kien irċieva in konnessjoni ma l-iskart li kien jinġabar mill-fergha tal-bank ta' l-Imsida. Qal li dan kien infurmah li dawn il-fatturi qabel kienu jithallsu direttament mill-branch u li "*... meta ra x'kien qieghed jiġri huwa qalli illi dawn il-fatturi suppost kellhom jinghataw lil Procurement Department. Kien ghalhekk illi huwa kien ghaddieli dawn il-fatturi*" (fol. 41). Qal li da parti tieghu huwa kien involva lil Mario Zarb li jiġi l-Head tal-Facilities fil-bank intimat. Dan ta' l-ahhar kien ikkomunika mal-kunsill lokali kjamat fil-kawza uskond ma gie nfurmat, r-rapprezentant tal-kunsill lokali kien qallu li "*... l-gbir tal-iskart domestiku mill-bank ma kien soġġett ghal ebda hlas*" (fol. 41).

In kontro-ezami, x-xhud qal li s-sistema li jadopera l-bank kienet li kull hlas isir b'mod ċentrali iżda f'dan il-kaz ma kienx gara hekk. Qal ukoll li huwa ma kien sab l-ebda ftehim formali bejn il-bank u s-socjeta rikorrenti ghar-rigward tal-gbir ta' l-iskart. Pero qabel li "*... kien hemm żmien fejn is-socjeta rikorrenti kienet tithallas mill-bank intimat, dan dejjem mill-branch*" (fol. 42).

7. **Mario Zarb**, head tal-Facilities Department fil-bank intimat qal li huwa ilu jokkupa din il-kariga sa minn Ottubru, 2011. Fil-bidu tal-2013 huwa kien irċieva fattura minghand il-Procurement Department li kienet tirreferi ghas-socjeta rikorrenti u ghal ġbir ta' skart minn din ta' l-ahhar mill-fergha tal-bank ġewwa l-Imsida. Wara li indaga dwar din il-kwistjoni, huwa qal li fil-fergha ta' l-Imsida sas-sena 2008 kien hemm il-Card Services Limited. Qal li ghalhekk kien hemm ferm iżjed nies f'din il-fergha u "*... allura jista jkun illi xi darba kien intalab li jinġabar l-iskart b'dan il-mod minghand is-socjeta rikorrenti*" (fol. 43). Wara l-2008, kompla jghid ix-xhud, l-Card Services Limited ma baqghatx topera minn din il-fergha u allura din ġiet fergha normali, taqdi funzjonijiet normali kif jaqdu l-ferghat tal-bank l-ohra fl-irhula l-ohra. Qal li "*L-iskart li bdiet tiġġenera allura l-fergha tal-bank tal-Imsida kien skart domestiku normali*" (fol. 43).

Ix-xhud qal ukoll li huwa kien kellem lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti u kien staqsieh "*... ta' x'hiex il-bank kien ser ihallas jekk ma kienx qieghed ikun*

*hemm skart li gie ġenerat li ma jkunx klassifikat bhala skart domestiku*" (fol. 43). Staqsa ukoll lir-rapprezentant tal-Kunsill Lokali jekk huma bhala bank kellhomx ihallsu ghall-iskart u dan kien wieġbu li "*... bhala skart domestiku ahna ma kellna nhallsu xejn*" (fol. 43). Kien ghalhekk li huwa kien baghat ittra lis-socjeta rikorrenti fejn infurmaha li l-bank ma setax ihallas il-fattura u talbu sabiex jieqaf jibghatlu iktar fatturi ghal servizz li huma bhala bank qatt ma kienu talbu. Ix-xhud qal ukoll li huwa kien staqsa lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti x'tip ta' skart kien qieghed isib meta huwa jmur jiġbor dan l-iskart mill-fergha tal-bank ta' l-Imsida iżda dan wieġbu li hu ma kienx imur jiġbru personalment iżda kien jibghat lil haddiehor.

In kontro-ezami huwa qal li meta kien hemm is-socjeta Card Services Limited topera mill-fergha tal-bank ta' l-Imsida, l-iskart ġenerat kien ferm ikbar minn dak li l-fergha tiġġenera llum. Qal li apparti minn hekk, din il-fergha kienet qed tiġġenera ċertu tip ta' skart li kien jehtieg illi jittiehed minn hemmhekk.

Ix-xhud qal ukoll li l-ebda branch tal-bank intimat ma kienet thallas lil xi kuntrattur talli jiġbor l-iskart domestiku. Lanqas ma kien sab xi ftehim bejn il-bank intimat u s-socjeta rikorrenti sabiex din tiġbor l-iskart tal-fergha bi hlas.

Meta gie mistoqsi l-ghala l-bank intimat minnu rappreżentat kien kiteb lis-socjeta rikorrenti jinfurmaha li ma kienx ser ihallas ghal dan is-servizzz biss fl-2013 ghall-fatturi li kienu jirreferu ghal perjodu Ottubru sa Dicembru 2011, ix-xhud wieġeb u qal li huwa kiteb lis-socjeta rikorrenti hekk kif appena gie f'idejh il-kaz.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Mill-fatti u provi kif prodotti mill-partijiet jirrizulta li l-bank intimat waqaf ihallas il-fatturi li kienet qeghda tibghatlu s-socjeta rikorrenti mill-perjodu Ottubru, 2011 il-quddiem. Sadakinhar ma jidhirx li kien hemm xi problemi anke ghaliex jirrizulta mill-atti li fit-2 ta' Frar, 2011 kien sar pagament mill-bank

intimat ghal ġbir ta' skart bejn il-perjodu Ottubru sa Dicembru, 2010 (fol. 28). Ghalkemm ma ġewx ippreżentati fatturi li jkopru l-perjodu Jannar, 2011 sa Settembru, 2011, it-Tribunal qieghed jifhem li f'dan il-perjodu ukoll ma kienx hemm problemi u dan fis-sens li l-bank intimat kien qieghed ihallas ghar-servizz lilu provdut.

9. Il-bank intimat insista li huwa kien qieghed jipproduċi skart normali u li ghalhekk ma kienx intitolat ihallas ghal dan is-servizz anke a bażi ta' dak li kien qallu l-kunsill lokali kjamat fil-kawza. Dan peress li l-iskart prodott kien wiehed tat-tip domestiku. Qal ukoll li qabel, f'din il-fergha tal-bank kien hemm il-Card Services Limited u kien hemm iżjed impjegati u allura l-iskart kien aktar. Qal ukoll li din il-fergha tal-bank "*... kienet tiġġenera ċertu tip ta' skart li kien jehtieg illi jittiehed minn hemmhekk*" (fol. 44). Wara l-2008 dan it-tip ta' skart li kien qieghed jiġi ġġenerat minn din il-fergha waqaf u kull ma kien qieghed ikun hemm kien skart domestiku. Pero t-Tribunal ma jistax jifhem kif il-fergha tal-bank baqghet thallas dawn il-kontijiet li issa qeghda tghid li ma kienux dovuti anke wara li kienet telqet il-Card Services Limited minn din il-fergha. Dan il-hlas baqa ghaddej sas-sena 2011 sakemm imbaghad tbiddel il-branch manager f'Ottubru, 2011. Jirrizulta ukoll li s-socjeta rikorrenti baqghet tipprovdi ghal dan is-servizz minn Ottubru, 2011 sa' l-ahhar tas-sena 2012. Jirrizulta ukoll li fit-8 ta' Frar, 2013 il-bank intimat kien irċieva l-fattura numru 31 (fol. 33) fl-ammont ta' €767. Fit-28 ta' Frar, 2013 il-bank kien kiteb lis-socjeta rikorrenti u b'referenza ghal din il-fattura infurmaha li huma ma setghux jaċċettaw din l-istess fattura u dan minhabba li huma kienu qeghdin jipproduċu biss skart domestiku u ghalhekk dan kellu jinġabar mill-kunsill kjamat fil-kawza minghajr hlas. Pero sadanittant s-socjeta rikorrenti tul dan il-perjodu kienet ghadha qeghda tiġbor l-iskart hi tal-bank kif kienet ilha taghmel is-snin.

10. Mehud kollox in konsiderazzjoni, u anke a bażi ta' ekwita, t-Tribunal sejjer jilqa in parte t-talba tas-socjeta rikorrenti u dan ghal perjodu Ottubru, 2011 sa Dicembru, 2012. Jirrizulta, anke mix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti li huwa qatt ma kellhu xi ftehim mal-kunsill lokali kjamat in kawża sabiex jiġbor dan l-iskart u li l-ftehim kien biss mal-bank intimat. Allura l-kunsill kjamat in kawża ma kellhux ghalfejn jiġi msejjah fil-kawza.

11. Ghalhekk it-Tribunal jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jillibera lill-kunsill kjamat fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju qieghed jichad l-

eccezzjonijiet kollha tal-bank intimat inkwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż u qieghed jghaddi biex jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti limitatament ghall-ammont ta’ seba’ mija sebgha u sittin euro (€767). Konsegwentement qieghed jikkundanna lill-bank intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ seba’ mija sebgha u sittin euro (€767) bl-imghaxijiet skond il-ligi jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta’ din is-sentenza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-bank intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------